Assocjazzjoni Kunsilli Lokali

Seminar

Sehem il-genituri fil-Kommunita

28 ta' Ottubru 2008

Sta Tereza JL

Mriehel

Claudette Abela Baldacchino

Vici President Assocjazzjoni Kunsilli Lokali

Membru Kumitat tar-Regjuni EU (CoR)

Membru Kungress Awtoritajiet Lokali u Regjonali Kunsill tal-Ewropa (CLARE)

**'Biex nirnexxu fl-isfidi li ghandna quddiemna minhabba l-globalizzazzjoni, kemm ewropeja u anke madwar id-dinja, l-irhula, l-ibliet u r-regjuni taghna iridu jizviluppaw il-potenzjal kreattiv u l-kapacitajiet taghhom ghall-innovazzjoni'**

**Assocjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL)**

.Twaqqfet fl-1994 u tirrapprezenta: 68 Kunsill Lokali madwar Malta u Ghawdex . Malta 55 Ghawdex 14

Maqsuma fuq 3 regjuni: Xlokk: 25 KL, 150elf ruh, Majjistral, Ghawdex u Lista Generali

Membri eletti mill-Kunsilliera fuq l-Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni 7



Mrs Maria Natoli, Mr. Noel Formosa, Mrs. Claudette Abela Baldacchino, Mr. Michael Cohen, Dr. Ian Micallef, Mrs. Doris Borg, Mr. Frederick Cutajar

**KUMITAT TAR-REGJUNI UE U KUNGRESS TAL-AWTORITAJIET LOKALI U REGJONALI TAL-KUNSILL TA' L-EWROPA**

Is-7 Membri huma wkoll Membri tal-Kumitat tar-Regjuni tal-UE











Plenary Session October 2008

Activities at CoR – Maltese Seminar and La Barokka Performing

Membri tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Regjonali tal-Kunsill ta' l-Ewropa

**GHANIJIET AKL**

1. li tipprotegi u tippromwovi l-interess komuni tal-Kunsilli Lokali
2. li tiehu l-inizjattivi necessarji ma kull kunsill jew kunsilli ohra kemm f'Malta u anke fl-Ewropa u pajjizi ohra.

3. li tmexxi l-quddiem kampanji dwar zvilupp tal-politika lokali u regjonali f'isem il-Kunsilli Lokali li huma l-aktar livell vicin il-familji.

**INIZJATTIVI GHAL ZVILUPP SOSTENIBBLI**

Kampanji Socjali ghat-tfal, zghazagh u l-familji

- Kampanja dwar CHILDCARE FACILITIES – Kumitat tar-Regjuni EU - Committed to put children first Regional seminar on childcare, Malta, 9 June 2007



In the framework of the "Putting Children First" campaign, the Party of European Socialists (PES) organised its fourth regional seminar on childcare in Malta this Saturday 9 June 2007. **Claudette ABELA BALDACCHINO**, PES Group member and Vice-President of the Local Councils Association of Malta, who took the initiative to organise the meeting in Malta, underlined the benefits of investing in childcare: leaving more time for women to enter paid employment allowing them to increase the family income; providing jobs for childcare workers; and the wages it generates mean more tax contributions for the State. Polish PES Group member and Mayor of Stare Bogaczowice Leszek SWIETALSKI and PES Group member and Mayor of the city of Lohja Elina LEHTO also took part in the meeting to present best practices in the field of childcare at local and regional level.

- Laqghat mal-Kummissarju tat-Tfal dwar Manifest ghat-tfal
- Right of the Child
- EMANZIPAR progett bi shab ma' ghaxar pajjizi ohra bil-ghan illi jhajjar il-partecipazzjoni taz-zghazagh fit-tmexxija tal-pajjiz u fil-politika. Il-progett

kien parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja



- IT STARTS WITH A SCREAM AND ENDS IN SILENCE : tul Jannar 2008 l-AKL inghaqdet mal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika u l-Kunsill ta' l-Ewropa u mbarkat fuq kampanja ta' posters fil-Bus shelter

**KAMPANJI EKONOMICI U AMBJENTALI**

- TRIM Project bil-ghan li titwaqqaf network ta' operaturi Ciprijotti, Maltin u minn Sardenia biex jippreparaw pjan halli jippromwovi t-turizmu rurali fit-tlett regjuni u pajjizi u hekk ikun hemm aktar apprezzament lejn il-prodotti offruti mit-tlett zoni ewropej differenti

- MEDINS : IDENTITY IS FUTURE – PROGETT ta' koperazzjoni transnazzjonali biex jinnumera, jippromwovi u jivvalotizza il-wirt kulturali li mhux tangibbli (bhal ikel, xoghol manwali etc) fin-naha t'isfel ta' l-Ewropa fuq livell internazzjonali u biex jissalvagwardja dak li jezisti biex ma jintilifx

- 

- PROGETT LEADER PLUS Kampanja favur l-izvilupp rurali ghall-fondi tal-Unjoni Ewropeja minn dan il-progett

- ESF Fondi European Social Fund – L-edukazzjoni hija c-cavetta tas-success. Ghal dan il-ghan, l-AKL inghaqdet ma grupp ta' persuni specjalizzati ippreparat. Issottomettiet applikazzjoni ghal fondi tal-ESF biex hekk tkun tista tharreg kemm impjegati tal-Kunsilli Lokali u anke Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera u ohrajn gejjin minn oqsma differenti bhas-socjeta civili. L-ghan huwa ghal tahrig f'pajjizi ohra tal-Unjoni Ewropeja wkoll.

**IS-SENA D-DIEHLA – 2009 HIJA S-SENA EWROPEJA GHALL-KREATTIVITA U NNOVAZZJONI (European Year of Creativity and Innovation 2009)**

Dan is-seminar qed isir meta qeghdin ezatt xahrejn boghod mis-sena dedikata mill-Kummissjoni Ewropeja bhala s-sena ghall-Kreattiva u nnovazzjoni. Fuq livell lokali, jigifieri fl-ibliet, l-irhula u r-regjuni taghna insibu l-kultura, l-kreattivita u l-innovazzjoni li huma c-cavetta ghat-tkabbir, investiment u anke mpjiegi godda.

Flimkien maghkom il-genituri kapaci nibdlu l-mentalita, il-percezzjonijiet u l-prattici ezistenti. Illum x'ghandna ? Illum fil-ligi ghandna li Kunsill Lokali jista' jipproponi ismijiet lil Ministru biex jaghzel u jahtar il-President tal-Kunsill ta' skola primarja. Izda ghandha tkun biss din ir-relazzjoni li ghandu jkun hemm bejn il-genituri, l-iskejjel u l-Kunsilli Lokali ?

U ahna xi rridu u jkun hemm minn jistaqsini, allura meta thares il-quddiem x'tara? Ghal generazzjoni taghna u ghal generazzjonijiet futuri? Nara pajjiz ahjar, pajjiz kif irriduh ahna, il-pajjiz li dejjem xtaqna li jkollna.

Il-Kunsilli lokali, joffru opportunita unika lit-tfal, liz-zghazagh, lil genituri taghna sabiex jesperjenzaw b'mod dirett ir-responsabbilitajiet marbuta mat-tmexxija u l-amministrazzjoni pubblika, kemm fuq livell lokali, nazzjonali u anke internazzjonali.

U x'hinu d-dibattitu f'pajjizna ? fuq il-familja, u l-familja minn hi? Il-familja hija ahna, il-genituri taghna, intom u uliedkom li huma studenti. U hafna drabi x'nisimghu fl-ahbarijiet ? nisimghu fuq in-negattiv tal-istudenti, kemm wehlu mill-ezamijiet, nisimghu bil-problemi socjali li jistghu jkunu ghaddejjin minnhom l-istudenti minhabba l-isfidi fis-socjeta taghna, b'tendenza wkol l li niffukaw wisq fuq in-negattiv meta nigu biex niddiskutu temi marbuta maz-zghazagh (bhal nghidu ahna kwistjonijiet ta' abbuz mill-alkohol u d-drogi) u ninsew li hemm bosta zghazagh li qedghin jaghtu kontribut tassew pozittiv bl-ezempju u l-hidma taghhom.

Bosta organizazzjonijiet socjali filfatt jiddependu mill-hidma, hafna drabi volontarja taz-zghazagh, sabiex imexxu l-quddiem il-hidma taghhom. Dan johrog b'mod car fl-oqsma religjuzi u marbuta mal-festi, f'ghaqdiet muzikali, u anki f'dawk ambjentali. Ma dan hemm l-gharfien fix-xena nternazzjonali, f'dinja globalizzata fejn it-teknologija kull ma jmur qed ikollha sehem importanti fit-tibdil tal-hsibijiet u fl-izvilupp tal-hiliet taghna.

L-istudenti, uliedkom huma l-facebook generation tal-llum u l-gharfien, il-hiliet u l-esperjenzi taghhom, li jigu moghtija mill-ewwel istituzzjoni – jigifieri l-familja huwa elementi importanti fit-tfassil tal-policies u l-izvilupp tal-lokalitaijiet taghna. Ghalhekk bis-sehem ta' kulhadd id-decizjonijiet politici li jittiehdu jkunu aktar b'sahhithom ghaliex ikollhom imsawwra maghhom aktar elementi fejn b'kontribut ta' generazzjonijiet godda id-decizjonijiet ikunu aktar legittimi.

U dan il-messagg li rridu nwasslu hemm barra : jekk ma jkollniex il-partecipazzjoni ta' kulhadd inkluz tal-genituri fit-tfassil tal-politika lokali, inkunu ahna lkoll li qed nitilfu minn rizorsi uman tant importanti mimli energija u idejat godda.

Biex nirnexxu fl-isfidi li ghandna quddiemna minhabba l-globalizzazzjoni, kemm ewropeja u anke madwar id-dinja, l-irhula, l-ibliet u r-regjuni taghna iridu jizviluppaw il-potenzjal kreattiv u l-kapacitajiet ghall-innovazzjoni.

Il-Kunsilli Lokali jigifieri l-awtoritajiet lokali u regjonali huma l-aktar vicin in-nies, l-aktar vicin il-familji, imma l-politici wahedhom m'huma xejn. Jghinuhom

biex jizviluppaw il-politika taghhom fl-oqsma kulturali, kreattivi u ta' nnovazzjoni hemm bzonn il-partecipazzjoni ta' kulhadd.  Ghaliex imbaghad fuq livell nazzjonali inkunu f'sitwazzjoni ahjar biex ir-rizors uman, jigifieri l-istudenti tal-llum, ikollhom opportunitajiet akbar ghad-dinja tax-xoghol u fl-istess hin inkunu qed nizviluppaw strategiji innovattivi biex is-setturi ekonomici u socjali jkunu aktar sostenibbli.

**PROGETTI KREATTIVI U NNOVATTIVI**

Il-Kunsilli Lokali u anke r-regjuni huma font ewlieni ghall-izvilupp tal-innovazzjoni. Centri tat-teknologija, parks tax-xjenza, zoni ta' negozju u anke ta' kummerc. F'pajjizna ghandna l-internet b'xejn fil-Kunsilli Lokali, il-gonna jinsabu f'idejn il-Kunsilli Lokali u l-licenzji tan-negozju u l-kummerc ukoll jithallsu fl-Ufficini tal-Kunsilli Lokali.

Fuq livell Ewropew, il-Kummissjoni Ewropeja tirrikonoxxi r-rwol li ghandhom il-Gvernijiet Lokali, u tinnota li l-isfidi ghal sena ewropeja ghal kreattivita u nnovazzjoni jistghu jsehhu biss b'inizjattivi bi shab bejn il-gvernijiet nazzjonali, regjonali u lokali.  Dan ifisser li l-gvernijiet lokali jkunu jistghu jorganizzaw attivitajiet b'aktar efficjenza u li jkunu aktar effettivi.

U forsi tistaqsu ..imma allura ahna x'nistghu naghmlu?

Fuq livell ta' gonna, nistghu nkunu aktar innovattivi? F'dinja teknologika, b'access ghall-internet nistghu nsegwu progetti li qed isehhu f'pajjizi ohra.

PROGETTI EWROPEJ : PARKS XJENTIFICI

Fl-Ingilterra it-twaqqif ta' parks tax-xjenza wassal ghal waqfiet ta' mijiet ta' kumpaniji tal-hi-tech u anke informazzjoni. L-ownership ta' dawn il-parks tax-xjenza jvarja minn Universitajiet ghal gvernijiet lokali u anke kumpaniji private. Fil-qalba tal-progetti hemm l-innovazzjoni, u ma dan hemm sors kbir ta' impjiegi u kreazzjoni tal-gid.  Assocjazzjonijiet apposta dwar ix-xjenza jipprovdu wkoll informazzjoni u allura parks jew gonna ta' din ix-xorta jistghu jkunu mezz iehor ghat-tkabbir fit-turizmu.

**TEKNOLOGIJA TAL-INFORMATIKA : KUNSILL LOKALI QRENDI**

Izda mbaghad, f'pajjizna, filwaqt li avvanzajna l-quddiem fil-qasam tal-IT qed naraw diversi problemi li qed jizviluppaw – u malajr. Ezempju prattiku. L-internet b'xejn fil-Kunsilli Lokali.  Qeghdin f'sitwazzjoni f'pajjizna u

nsemmilkom il-Kunsill Lokali tieghi – il-Qrendi, li ser ikollna nnehhu dan is-servizz jew naraw x'naghmlu minhabba li sibna li hemm student li qed jidhlu f'siti mhux permessibli.  Mhux bil-fors kulhadd jista' jkollu l-internet id-dar, bl-involviment tas-supervizjoni tal-genituri ma nfallux.

**YOUTHS@LOCAL : KUNSILL LOKALI ZEJTUN**

B'inizjattivi mill-youths@local. Programm ta' inizjattivi li jipprovdi pjattaforma ghall-izvilupp taz-zghazagh u jaghtihom l-opportunita li jiffurmaw parti mill-hajja socjali taghna ta' kuljum u jkunu wkoll success fil-futur taghhom Il-programmi jippreparaw liz-zghazagh biex isibu post fis-socjeta taghna.  Il-Programm huwa bbazata fuq erba inizjattivi biex jizgura:

1. Empowerment ghaz-zghazagh - **Empowerment**

- Community values youth: young person perceives that adults in the community value youth.
- Youth as resources: young people are given useful roles in the community.
- Service to others: young person serves in the community one hour per week or more.
- Safety: young person feels safe at home, at school and in the neighbourhood

2. Zvilupp personali u socjali minn programmi ta' tahrig kontinwu  - **Social Competencies**

- Planning and Decision-Making: knows how to plan and make choices.
- Interpersonal Competence: has empathy, sensitivity and friendship skills.
- Cultural Competence: has knowledge of and comfort with people of different cultural, racial and ethnic backgrounds.
- Resistance Skills: can resist negative peer pressure and dangerous situations.
- Peaceful Conflict Resolution: seeks to resolve conflict non-violently

3. attivitajiet ghaz-zghazagh - **Positive Identity**

- Personal Power: feels in control over "things that happen to me."

- Self-esteem: reports having high self-esteem.
- Sense of Purpose: reports that "my life has a purpose."
- Positive view of personal future: optimistic about

4. seminars u progetti residenzjali – **Positive Values**

- Caring: places high value on other people.

- Equality and Social Justice: places high value on promoting equality.
- Integrity: acts on convictions and stands for beliefs
- Honesty: tells the truth even when it is not easy.
- Responsibility: accepts and takes personal responsibility

**TAHRIG FL-EDUKAZZJONI : KUNSILL LOKALI RABAT**

Iz-zghazagh huma affettwati minn kull tibdil li qed isir madwarna u trends nazzjonali jaffettaw l-izvilupp taz-zghazagh, il-familji u socjeta. Il-Programmi tal-Youths@local wasslu ghal zvilupp fil-karattru taz-zghazagh u jassistuhom jizviluppaw l-abilitajiet taghhom biex jaghmlu ghazliet pozittivi f'hajjithom b'vizjoni ghal futur ta' success.

F'pajjizna hemm bzonn edukazzjoni u tahrig akbar f'dan il-qasam. Dan huwa wkoll progett tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li kien mibdni mis-Sindku ta' dak iz-zmien Frank Fabri li llum huwa Principal ta' dan il-Kullegg. Bl-energija tieghu, Frank Fabri kien beda progett ta' taghlim u tahrig fil-bini tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Ghalliema kwalifikati jghinu lill-istudenti fix-xoghol taghhom marbut mal-homework u tahrig iehor.

**GEMELLAGGI : KUNSILL LOKALI TARXIEN**

Hemm imbaghad progetti ohra : il-Gemellaggi mill-Kunsilli Lokali Maltin ma ohrajn f'pajjizi ohra. Joffru wkoll opportunita ghall-genituri u 'l istudenti biex ikabbru l-gharfien taghhom fil-kultura, l-istorja, filwaqt li jaghmlu kuntatti ghal

hbiberija gdida. Il-gemellaggi huma wkoll zvilupp iehor fl-istorja tal-Kunsilli Lokali Maltin, u li qed joffru opportunitajiet unici fosthom ta' skambji bejn studenti, zghazagh u familji. Ezempju prattiku huwa l-Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien, fejn permezz ta' skambji ghaz-zghazagh qed joffri opportunita unika ghal tahrig fl-izvilupp ta' politika ta' opportunitajiet indaqs u fl-informatika.

Il-Kumitat tar-Regjuni f'dokument li approva f'Ottubru li huwa wkoll intitolat ghad-dedika tas-sena 2009 jghid li hemm htiega ghal investiment fiz-zghazagh taghna b'mod partikolari fl-istudju tat-teknologija, ir-ricerka u l-izvilupp, ghaliex il-Kunsilli Lokali huma font tal-holqien ta' l-impjiegi u kreazzjoni tax-xoghol. F'pajjizna il-kunsilli lokali jhaddmu mijiet jekk mhux ta' impjegati maghhom indiriettament – fosthom kumpaniji tal-IT.

Il-Kummissjoni Ewropeja wkoll tirrikonoxxi r-rwol li ghandhom il-Gvernijiet Lokali, u tinnota li l-isfidi ghal sena ewropeja ghal kreattivita u nnovazzjoni jistghu jsehhu biss b'inizjattivi bi shab bejn il-gvernijiet nazzjonali, regjonali, lokali, kumpaniji, assocjazzjonijiet u anke l-familji. Dan ifisser li l-gvernijiet lokali jkunu jistghu jorganizzaw attivitajiet b'aktar efficjenza u li jkunu aktar effettivi.

Imma l-fondi minn fejn ser jigu? Il-membri tal-Kumitat tar-Regjuni qed jappellaw lil Kummissjoni Ewropeja ghal fondi ohra minbarra il-progett LifeLong Learning 2007-2013 u l-Programm tal-Kultura ghall-istess zmien.

**GENERAZZJONI TA' POTENZJAL – RIFORMA GVERN LOKALI 2008**

L-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali [AKL] temmen li hemm bzonn ta' riforma fil-Kunsilli Lokali u lesta' li taghmel il-parti taghha biex tkun ta' servizz lill-Kunsilli Lokali sabiex ir-riforma ssir fl-interess tal-Kunsilli Lokali u c-cittadini li jirraprezentaw. Wara hmistax il-sena ta' Kunsilli Lokali, hemm diversi esperjenzi li jwasslu sabiex l-AKL isservi ta' punt ta' referenza mill-Gvern biex ir-riforma ssir b'konsultazzjoni u bi ftehim mal-i*stakeholders* ewlenin, fosthom u mhux l-inqas l-Assocjazzjoni nnifisha. Il-Gvern ma jistax jahdem wahdu biex iwettaq din ir-riforma u kien ghalhekk li l-AKL sa' mis-sena 2007 ressqet proposti lill-Gvern dwar tibdil li jinhtieg li jsir biex jintlahqu l-ghanijiet gholja li qed ipoggi ghall-Kunsill Lokali

- EDUKAZZJONI

Il-Kunsill Lokali ghandu jkun responsabbli sabiex jahtar il-President tal-Kunsill ta' l-iskola primarja fil-lokal tieghu.

Il-Kunsill Lokali ghandu jkun responsabbli sabiex jaghmel tiswijiet u pjani ta' zvilupp fl-iskejjel primarji fit-territorju tieghu filwaqt li skejjel sekondarji jaqghu taht ir-responsabbilita' regjonali.

L-Amministrazzjoni ta' l-iskejjel, barra mill-hinijiet ta' l-iskola, tkun fdata fil-Kunsill Lokali sabiex ir-rizorsi ta' l-iskola jintuzaw mill-kommunita lokali. Ghal dan il-ghan l-AKL qed titlob li jinhatar kumitat adhoc sabiex fi zmien ta' tlett xhur ihejji abbozz ta' ftehim bejn l-AKL, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

- QASAM SOCJALI

Il-qasam tal-politika socjali ghandu jigi definit, ghaliex il-hidma socjali hija differenti mill-hidma kulturali. Il-hames pilastri li fuqhom hija mwaqqfa l-hidma socjali huma s-sigurta socjali, l-housing, edukazzjoni, sahha u l-impjiegi. Minbarra dan hemm ukoll il-politika socjali marbuta mal-problemi socjali li jezistu fil-lokalitajiet taghna (ez vjolenza domestika, tfal abbandunati ma jmorrux skola, droga, anzjani jghixu wahedhom). Dan juri l-htiega mmedjata li fil-komunitajiet taghna jkollna servizz ta' Generic Social Work. Ghalhekk ghandu jkun hemm fond specjali li jithaddem flimkien mal-Fondazzjoni ghas-Servizzi Socjali biex fuq bazi ta' regjuni l-Kunsilli Lokali jkunu jistghu jservu ta' prevenzjoni. Il-Generic Social Work huwa servizz li jithaddem f'komunitajiet ohra barra minn Malta u wera li meta jkollok social workers fost ic-cittadini, il-prevenzjoni tahdem ahjar. Kazi ta' problemi socjali li jkunu aktar akuti jigu wkoll identifikati b'dan il-metodu u jghaddu f'idejn professjonisti li jkunu specjalizzaw fil-materja nkwistjoni.

**KONKLUZJONI**

U ghalhekk ukoll l-appell lill-genituri, intom li gejjin mil-lokalitajiet tagħna. Intom ukoll mistiedna biex tipparteċipaw fil-ħajja politika lokali, fil-process ta' riforma tal-gvern lokali li ser twassalna sal 2015, fl-izvilupp ta' progetti lokali, inizjattivi, innovazzjoni u kreattivita.

Il-politika hi strument sabiħ li jekk użat tajjeb jista' jagħmel differenza kbira mhux biss fil-kwalità tal-ħajja li qegħdin ngħixu llum, iżda wkoll fil kwalità tal-ħajja li ser ikollna fil-ġejjieni.

Iz-zmien tal-esperimenti ghadda, ghaddew hmistax-il sena ta' kunsilli lokali, irid ikun illum li nfasslu l-futur flimkien biex ghada, l-futur il-gejjini jkun ifformulat minn generazzjoni li ghandha potenzjal.